MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Numru 612/2005

**Il-Pulizija
(Spettur Antonovitch Muscat)**

**vs**

**Shawn Paul Buttigieg
Tatiana Cachia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:
**Shawn Paul Buttigieg** ta’ 22 sena, bin Louis u Anita’ *nee’* Fenech, mwieled Pieta’ fl-24 t’April 1982, residenti 17, Analou Triq Guzeppi Calleja Iklin u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 247582(M);
**Tatiana Cachia** ta’ 22 sena, bint Joseph u Pauline *nee’* Spiteri, mwielda Pieta’ fit-23 ta’ Mejju 1982, residenti Blk

C Flat 9, Wesgha Mattia Preti, Birgu u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 303782(M);

Talli f’dan l-ahhar snin bejn it-28 t’Ottubru 2002 u l-1 t’April 2005, f’dawn il-Gzejjer;

B’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdejtu b’qerq iehor, ingann jew billi wrejtu haga b’ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex qanqaltu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamiltu qliegh t’iktar minn Lm1000 ghad-dannu ta’ bank kummercjali u ta’ diversi persuni;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi approprajtu rwiehkom, billi dawwartu profit ghalikom jew ghal persuna/persuni ohra, s-somma ta’ aktar minn Lm1,000 ghad-dannu ta’ bank kummercjali u ta’ diversi persuni, liema somma giet fdata jew ikkunsinata lilkom taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement ghamiltu uzu minn cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamiltu uzu minn att awtentiku u pubbliku, kitba jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falz;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz maghmul jew moghti, minn ufficjal jew impjegat pubbliku illi, minhabba l-kariga tieghu, hu fid-dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, kif ukoll talli xjentement ghamiltu uzu minn falsifikazzjoni li saret minn xi persuna li mhix ufficjal jew impjegat pubbliku b’abbuz t’awtorita’;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement ghamiltu uzu minn skrittura privata ffalsifikata li tkun tista taghmel hsara lil xi persuna jew igib utli;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamiltu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamiltu uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat\i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-avukat generali tal-erbatax ta' Frar, 2007 li permezz tieghu baghat lill-imputati sabiex ikunu gudikati minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 308, 293, 169, 184, 186, 187(2), 189 u 533 tal-Kodici Kriminali Kap 9;

Rat illi l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza taghhom tinstemgha u tkun deciza bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-imputati sabiex iwiegbu ghall-akkuzi dedotti kontra taghhom wara indagini li ghamlet sussegwenti ghar-rapport maghmul lilha mill-Financial Intelligence Analysis Unit illi direttur tas-socjeta' bl-isem ta' Locations Landrocks, Christopher Agius, kien qieghed joffri servizz biex ihaffef l-process ta' self ta' flus minn banek lokali ghax-xiri ta' propretajiet u dan billi issir alterazzjoni tad-dikjarazzjoni FS3 u dikjarazzjoni tad-dhul taxxabbli. B'tali alterazzjonijiet, l-applikanti setghu jibbenefikaw minn self akbar minn dak li kienu jikkwalifikaw ghalih u dan, skond il-prosekuzzjoni, bi frodi ghad-dannu tal-banek. Oltre dan, fil-konvenji relattivi, kien qed issir dikjarazzjoni ta' prezz anqas mill-valur veru tal-

akkwist biex ikunu soggetti ghall-hlas ridott ta' taxxa fuq id-dokumenti u dan billi d-differenza fil-prezz bejn dak rejali u dak dikjarat ikun indikat bhala prezz ghat-tlestija tal-fond meta dan ma jkunx minnu. Il-prosekuzzjoni irrizultalha ukoll dikjarazzjonijiet ta' periti li l-fondi kienu lesti minn kollox meta anqas biss kienu ghadhom inbdew. Il-prosekuzzjoni allegat li l-imputati ibbenefikaw mis-servizzi ta' Locations u Landrock billi fornew lill-bank HSBC b'dokumenti biex juru li kellhom paga ghola minn dik li kellhom izda meta kkonfrontat lill-intimati, dawn ddikjaraw li ma kienux jafu li d-dokumenti kienu alterati;

Rapprezentanta tal-HSBC Bank plc ikkonfermat illi l-imputati kienu inghataw self mill-bank biex jixtru appartament bazat fuq l-dhul finanzjarju taghhom skond kif irizulta minn dokumenti minnhom prodotti. L-intimat Shawn Paul Buttigieg kien produca dokumenti il juru li kellu dhul ta' Lm51.38 u Lm25 fil-gimgha *extra* filwaqt illi l-imputata Tatiana Cachia iddikjarat dhul ta' Lm209,44 kull hmistax il-jum u dan biex jottjenu self ta' Lm33,975.00. Is-self inghata peress illi Shawn Buttigieg iddikjara li kellu dhul *extra*. L-ammont ta' self kien imqassam fi tnejn u cioe Lm22,000 ghax-xiri tal-fond u Lm15,750 ghal-xogholijiet, liema xogholijiet kienu certifikati bhala kompluti wara li inghata s-self. Il-Bank hallas lid-diversi partijiet involuti fosthom lill-venditur u lill-certu John Naudi. Dan tal-ahhar inhargulu zewg *bank drafts* wiehed ta' Lm3,745 u iehor ta' Lm9,775 fejn wiehed minnhom aggirah favur Tatiana Cachia u l-iehor favur Paul Vassallo, l-venditur li gia kien inghata draft ta' Lm16,685. Wara li kien inghata s-self kongunt liz-zewg imputati, inghalaq il-kont u rega infetah flimkien ma' Tatiana Cachia u terza persuna. Ir-rapprezentant ikkonfermat illi l-bank strah fuq id-dokumenti provduti biex inghata s-self;

Direttur tas-socjeta' li maghha tahdem l-imputata, li esebixx kopja tad-dokument FSS (Final Settlement System) ghas-snin 2001 sa 2003 (Dok AM 6, 7 u 8) u spjega li l-imputata kellu salarju net ta' Lm54.72 fil-gimgha b'salarju gross ta' Lm3,517 fis-sena. Mitlub jara l-fol 14 tad-Dok AM5 li huwa FSS ta' Tatiana Cachia ghas-sena 2001, ix-xhud, li allura huwa l-employer tal-imputata,

iddikjara li l-firma fuq id-dokument mhix tieghu minkejja li juri li huwa iffirmat minnu. Anke il-formatt tad-dokument huwa kompletament differenti minn dak li tohrog il-kumpanija tieghu bhala FSS (ara d-differenza bejn l-fol 14 dok AM5 u id-Dok AM 6 a fol 50). Id-dokument a fol 14 AM5 ma nharigx mil-socjeta li thaddem lill-imputata, li qatt ma kellha s-salarju hemm dikjarat ta' Lm5,086. Osservazzjoni pertinenti ta' dan ix-xhud kienet li ma hemm xejn komuni bejn iz-zewg dokument ghajr l-isem ta' Tatiana Cachia. Lanqas il-*pay slip* fol 12 Dok AM5 ma huwa dak li tohrog il-kumpanija u l-ammont dikjarat mhux dak li verament tircievi;

Xhud iehor li zzomm il-kotba tal-employer tal-imputat Shawn Buttigieg, ikkonfermat illi hija responsabbli *inter alia* ghall-formoli FS3 u li d-dokument a fol 11 Dok AM5 ma mtelhiex minnha u anqas mill-principal taghha. L-imputat beda l-impjieg tieghu mal-principal taghha fit-28 t'Ottubru 2002 u l-FSS hija ghas-sena li taghlaq 31 ta' Dicembru 2001. Buttigieg kien talab dikjarazzjoni minghand il-principal tieghu li turi li kellu dhul ta' Lm51.38 fil-gimgha. Dik id-dikjarazzjoni hija esebita a fol 10 Dok AM5 u hija awtentika izda id-dikjarazzjoni a fol 9 Dok AM5 li turi li Buttigieg jaqla' Lm25 fil-gimgha izjed ma nhargitx minnha;

Paul Micallef xehed li l-imputat Buttigieg kien jahdem mieghu u kkonferma li l-firma fuq d-Dok AM5 u AM11 mhix tieghu u l-imputat qatt ma kellu dhul kif dikjarat fid-Dok AM7.

Rapprezentanta ohra tal-HSBC bank ikkonfermat illi d-dokumenti fol3, 4 u 5 AM5 kienu *proposal form,* iffirmati minn Shwan Paul Buttigieg u Tatiana Cachia, dokumenti dawn li huma applikazzjoni ghall-self minghand il-bank. Il-figuri hemm indikati *qua* dhul finanzjarju u dettalji inghataw mill-istess applikanti skond id-dokumenti minnhom provduti skond il-prassi ghaliex din ix-xhud ma taccettax li tinghata dokumenti minghand haddiehor. Dan id-dokument konsistenti fi tlett pagni kien iffirmat minn xhud tal-identita' u firem li kkonfermat l-istess quddiem din il-Qorti (fol 87 sa 89);

Xehed ukoll il-venditur li kkonferma li kien biegh il-fond in kwistjoni liz-zewg imputati fi stat ta' gebel u saqaf ghal prezz ta' Lm25,000 jew Lm28,000 u meta intwera l-konvenju ghall-prezz ta' Lm37,000 qal li dak zgur ma kienx il-valur li bih biegh il-fond;

Akkwiziti dawn il-provi, jemergi illi hemm falsita' fid-dokumenti finanzjarji esebiti mill-prosekuzzjoni senjatament fl-applikazzjoni ghall-ottjeniment ta' self kwantu l-figuri moghtija mill-imputati, pay slips, FS3, FSS u dikjarazzjonijiet ohra ta' dhul. L-imputati huma akkuzati bi ksur ta' diversi rejati li b'mod jew iehor ghandhom relazzjoni mar-rejat principali tal-falsita' fl-iskritt izda dan mhux neccessarjament ifisser illi huma hatja ta' kull rejat kif ravvizat fl-akkuza kontra taghhom. Ghalhekk huwa opportun illi jkunu ezaminati l-elementi tar-rejati addebitati:

Artikolu 308: Ghad illi jirrizulta l-element ta' uzu ta' ismijiet foloz, qerq u ingann iehor li dwar ma hemm l-ebda dubju, il-prosekuzzjoni ikun jehtigilha ukoll li tipprova li dawn il-mezzi wasslu ghal "qliegh bi hsara ta' haddiehor". Mill-provi mressqa hadd mill-partijiet ma jirrizulta li sofra xi dannu kawza tal-istratagemi tal-imputati. L-abbli difensur tal-imputati ressaq konferma mill-bank li ta is-self li minkejja dawn il-maniggji, l-kont ghadu miftuh u l-kapital qed jithallas flimkien mal-imghax b'mod puntwali. Ikun diskors iehor li kieku l-bank isofri telf minhabba dan l-agir, izda dak kollu jibqa' fil-futur u dment li min hareg il-flus ma sofra ebda dannu, imma l-elementi materjali ta' dan ir-rejat mhumiex kollha prezenti;

L-artikolu 293 jipprovdi ghar-rejat ta' misappropriazzjoni indebita u dwar din l-akkuza din il-Qorti ma tistax issib htija ghal zewg ragunijiet. *In primis* ma kien fdat l-ebda ammont ta' flus f'idejn l-imputati bil-kundizzjoni li iroddu l-istess ammont lura ammont u minflok approprijawh ghal-beneficcju taghhom stess. Il-Bank *de quo* hallas direttament lill-venditur u lill-kuntrattur tax-xogholijiet tieghu u ma rrilaxxja l-ebda ammont f'idejn l-imputati. Oltre l-fatt illi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx li din l-akkuza kienet promossa fuq l-istanza tal-parti offiza kif jitlob l-

artikolu 293, fis-sottomissjonijiet taghha argumentat illi s-self mill-bank kien utilizzat sabiex tkun finanzjata vettura u li kien prezentat certifikat falz minn perit dwar post lest mid-dekorazzjoni meta dan ma kienx minnu, hwejjeg dawn li anqas issemmew fil-kors ta’ dawn il-proceduri.

L-artikolu 169 jaghmel rejat kull uzu li jsir xjentement minn wahda mill-karti msemmija fl-artikoli 166, 167 u 168 fejn minn dawn l-ahhar tlett artikoli japplika biss l-artikolu 167 ghaliex iz-zewg artikoli l-ohra huma inapplikabbli ghal kaz in dizamina u ma hemm l-ebda dubbju li l-imputati uzaw dokumenti falsifikati sabiex jottjenu hlas “minn bank” ai termini tal-istess artikolu 167;

L-artikolu 184 jipprovdi ghal dak ir-rejat fejn persuna xjentement taghmel uzu minn kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikolu 183. Il-prosekuzzjoni ma akkuzatx l-imptutati bil-falsifikazzjoni tal-iskritturi msemmija fl-artikolu 183 izda bl-uzu taghhom ai terminni tal-artikolu 184. Stante li tirrizulta manifesta falsifikazzjoni sia fl-iskritturi kif ukoll fil-firem fuq id-dokumenti imsemmija fl-artikolu 183, isegwi li la darba l-imputati ottjenew is-self fuq il-premessa tal-istess dokumenti jew dikjarazzjonijiet falsifikati, ghandha ukoll tinsab htija ghal ksur ta’ dan l-artikolu;

L-artikolu 186 ma jsib ebda applikazzjoni ghal kaz in dizamina ghaliex dan jirreferi ghall-uzu ta’ dokumenti msemmija fl-artikolu 185 li jipprovdi ghal dawn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz maghmula minn ufficjali jew impjegati pubblici u ghalhekk certament li dan l-fatt ma jirrikjedi ebda konsiderazzjoni ohra ta’ din l-Qorti la darba l-imputati mhumiex ufficjali pubblici;

L-artikolu 187(2) ma jista’ qatt ikun imputabbli lill-imputati stante li dan jirraviza l-uzu ta’ skrittura privata falsifikata bl-iskop li jaghmel hsara lil xi persuna.  Ghad li l-falsifikazzjoni tal-iskritturi setghu, anke jekk remotament, igibu lill-pincipali tal-imputati fl-inkwiet mal-awtoritajiet, il-prosekuzzjoni kellha f’dak il-kaz tipprova li l-uzu tal-istess dokumenti falsifikati sar bil-hsieb li ssir hsara lil dawk il-persuni.  Haga din li l-prosekuzzjoni stess ma jidhirx li riedet tasal sa dak il-punt b’din l-akkuza;

Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, l-Artikolu 189 jirrizulta pruvat kwantu dan jipprovdi ghall-falsifikazzjoni jew uzu bi xjenza ta’ dokument falsifikat, haga din li certament tirrizulta pruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputati hatja tal-akkuzi kif ravvizati fl-artikoli 308, 293, 186 u 187 u minnhom tilliberhom, issibhom hatja tal-artikoli 169, 184 u 189 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat il-fedina penali nadifa taz-zewg imputati;

Tilliberhom bil-kondizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien erba snin mil-lum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------